

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/23/PESK

tal-20 ta' Jannar 2014

li tħassar id-Deċiżjoni 2013/350/PESK li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28, l-Artikolu 31(2) u l-Artikolu 33 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/33/PESK ⁽¹⁾ li taħtar lis-Sur Andreas REINICKE bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani.
- (2) Fit-2 ta' Lulju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/350/PESK ⁽²⁾ li testendi l-mandat tar-RSUE sat-30 ta' Ġunju 2014 u li tippredvi ammont ta' referenza finanzjarja għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013.
- (3) Fis-27 ta' Novembru 2013, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rrikonoxxa t-triq 'il quddiem proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà bl-intendiment li l-kompiti tar-RSUE ser jittieħdu għalissa mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE). Barra minn hekk, ser jiġu żgurati rappurtar regolari lill-Istati Membri kif ukoll kuntatti ta' livell għoli.
- (4) Id-Deċiżjoni 2013/350/PESK għandha għalhekk titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2014,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Tħassir**

Id-Deċiżjoni 2013/350/PESK hija mħassra.

*Artikolu 2***Rieżami**

Ir-rappreżentanza futura tal-UE fir-rigward tal-proċess ta' paċi tal-Lvant Nofsani għandha tiġi rieżaminata qabel Mejju 2004.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Jannar 2014.

*Għall-Kunsill**Il-President*

C. ASHTON

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/33/PESK tat-23 ta' Jannar 2012 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani (ĠU L 19, 24.1.2012, p. 17).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/350/PESK tat-2 ta' Lulju 2013 li temenda u testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani (ĠU L 185, 4.7.2013, p. 3).